Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 204 / 2019**

Il-Pulizija

Spettur Ian J. Abdilla

vs

**Charlot Caruana**

Illum, 7 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Charlot Caruana, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 422374 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-sena 2008, u fis-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq

haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

2. U aktar tali fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku illi b' abbuz tal-kariga jew impjieg tieghu, sar hati ta' wiehed mid-delitti imsemmijin f' l-artikoli 166 u 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li f' kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta:

1. 18, 308, 309 u 310 (1) (a);
2. 23, 23 B u 23 C;
3. 10 (1) (2) (4) (7) u 190;
4. 18, 166 (1) (2) (3), 167 (1) (2) (3) u 168 (1) (2); u
5. 7, 8, 9, 11, 17, 20, 31, 532 A, 532 B, u 533.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti, filwaqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni ta' l-imputazzjonijiet naxxenti mir-raba paragrafu tan-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Generali in kwantu dan jirreferi ghar-reati prospettati fl-artikoli 166 u 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannah **tmintax (18) il-xahar prigunerija li b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 gew sospiezi ghal tlett (3) snin**; in oltre u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28 H ta' l-istess Kapitolu 9 qed ordnat lill-imputat biex **fi zmien sitt xhur ihallas lid-Dipartiment tas-Sahha is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf disgha mija u tlettin Euro (€21,930).**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma jaghmilx il-hlas imsemmi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Charlot Caruana minnu pprezentat fis-17 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata u filwaqt illi **TIKKONFERMAHA** fil-parti fejn sabitu mhux hati tal-imputazzjonijiet, **THASSARAHA U TIRREVOKAHA** fil-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minnhom.

Rat **illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

ILLI l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umli appell sia minn nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha kif hija obbligata taghmel il-

prosekuzzjoni f' kull kaz minn imressaq u sia mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti.

**A. <u>Nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha kif hija obbligata taghmel il-prosekuzzjoni f' kull kaz minnha mressaq</u>**

Bid-dovut rispett, il-prosekuzzjoni resqet il-file relatat mal-appellant meta kien ghadu impjegat mal-Gvern u haga tal-ghageb, il-file *de quo* kien fih certu dokumentazzjoni biss li l-appellant jazzarda li jghid minghajr tlaqliq illi kienu juri parti mill-karriera tal-appellant fl-impjieg tieghu mal-Gvern, haga li ma tistax tkun accettabbli anzi ghandha tkun kundannabbli meta l-prosekuzzjoni ghandha dejjem tressaq il-provi kollha f' kull kaz minn imressaq quddiem il-Qorti … mhux parti biex ikun sostnu biss dak li jkun allegat mill-prosekuzzjoni izda kull prova, anki jekk tkun favur l-imputat, f' dan il-kaz, l-appellant. Tali obbligu huwa ben stabilit fil-Qrati Nostrani u huwa nsenjament mistenni mill-prosekuzzjoni.

L-esponenti jispjega kif noncio' li l-prosekuzzjoni ressqet lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti b' certu akkuzi ta' meta huwa kien jahdem mal-Gvern, jidher car li l-prosekuzzjoni gabet biss dak li ghazlet u jaqbel lilha. Ghaliex l-appellant qieghed jghid hekk?

Jekk il-prosekuzzjoni riedet iggieb il-file tal-impjieg tal-appellant setghet facilment taghmlu u kellu jirrizultalha

(a) illi l-appellant kien rega' dahal impjegat mal-Gvern fi Frar 2011 bhala ' Casual Staff Nurse' kif kien impjegat fis-snin mghoddija;

(b) illi l-appellant, cirka sitt jew seba' xhur wara li kien rega' dahal mal-Gvern bhala ' Casual Staff Nurse' , kien inghata promozzjoni ghal staff nurse fuq bazi full time;

(c) illi f' Settembru 2011, l-appellant kien mitlub sabiex jirraporta fl-ITU tal-isptar Mater Dei [fejn dam sitt xhur jahdem] peress li kien hemm influss ta' pazjienti li kienu ngiebu Malta mill-gwerra fil-Libja tant li flimkien ma' kollegi ohra li kienu parti mit-tim ighata rikonoxximent mid-Dipartiment tas-Sahha ghall-hidma li kienet sehhet dak iz-zmien;

(d) illi addirittura, wara l-elezzjonjiet tas-sena 2013, l-appellant kien addirittura inghata responsabilitajiet ta' customer care f' San Vincenz De Paule {SVDP] dejjem bis-salarju ta' staff nurse;

(e) illi fis-sena 2014, l-appellant bhala mpjegat tal-Gvern, inghata responsabbilitajiet godda u aktar challenging f' SVDP bhala project co-ordinator and implimentation li tahtu kienu jaqghu l-progetti biex SVDP ikun svillupat ahjar, mibdul b' aktar kumditajiet ghar-residenti;

Dan kollu kien sar bil-miftuh u bil-barka tal-awtoritajiet koncernati li allura wiehed jifhem li kienu ben konxji tal-impjieg, tal-promozzonji kif ukoll tar-responsabbilitajiet li kien qed jinghata l-appellant minn zmien ghal zmien.

Izda tajjeb li jinghad li l-prosekuzzjoni ghazlet takkuzah b' allegazzjonijiet mis-sena 2008 lura … u allura huwa ovvju li wiehed jistaqsi domanda leggittima: kif tista' tispjega l-prosekuzzjoni li l-appellat gie akkuzat b' dak li gie akkuzat u fl-istess hin, fuq medda ta' snin kif fuq spjegat, kien rega' inghata impjieg mal-Gvern bhala Casaul Staff Nurse kif kien impjegat qabel ma irrezenja, addirittura inghata promozzjoni ghal Staff

Nure fuq bazi full time, inghata responsabilitajiet fil-customer care u biex jiehu hsieb il-progetti f' SVDP … minghajr ma l-awtorijiet hadu in konsiderazzjoni dak kollu li suppost kien naqas meta kien precedentament impjegat mal-Gvern ossia li jmur jiffirma, jiehu s-salarju u ma jippresta l-ebda servizz lill-Gvern? Din mhux kontradizzjoni hoxna? Ghaliex il-prosekuzzjoni ma resqitx tali dokumenti mill-file personali tal-appellant u ghazlet biss u b' mod limitat dak li ghazlet?

Ghandu jkun rilevat li l-prosekuzzjoni ghandha kull obbligu li tressaq kull prova anki dik li tista' turi lill-imputat [illum appellant] f' dawl posittiv [!]

Haga ohra pjuttost serja da parti tal-prosekuzzjoni li kellha kull obbligu tressaq quddiem l-Ewwel Qorti, huma s-segwenti fatti:

**(f)** illi l-appellant kien gie a konjizzjoni tieghu il-kaz in dezamina fis-sena 1999;

**(g)** illi kien gie msejjah fid-depot tal-puluzija mill-istess ufficcjali tal-prosekuzzjoni fis-sena 2008;

**(h)** illi fis-sena 2015 … seba' (7) snin wara … sab ruhu akkuzat u mressaq il-Qorti bl-akkuzi relattivi

meta kif gja gie spjegat aktar qabel, l-appellant kien rega' gie impjegat mal-Gvern u sahansitra nghata promozzjoni, hatriet u aktar responsabbilitajiet mal-Gvern stess, haga li tindika bl-aktar manifestament car li hemm xi haga li ma treggix … li ma ddoqx … li tistona … li ma tispjegax ghalfejn it-trapass taz-zmien, ossia mis-sena 1999 sas-sena 2015 [!]

Bhal dak li qallu li tali nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni ma kienx bizzejjed u tant ovvju, l-appellant jispjega li l-prosekuzzjoni ma nfurmatx lill-Ewwel Qorti illi rizultatanti li kien sospiz mix-xoghol tieghu mal-Gvern, cirka minn nofs Gunju 2015 sa Marzu 2018, l-awtoritajiet kienu zammuh fuq nofs salarju bil-konsegwenza li s-somma hekk mizmuma telghet ghal cirka € 25,000 [!] u wiehed jistaqsi ghalfejn il-prosekuzzjoni ma semmiet xejn dwar dan il-fatt jekk verament kellha l-informazzjoni kollha ghad-diposizzjoni taghha?

Tali nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha kif hija obbligata taghmel il-prosekuzzjoni f' kull kaz minn imressaq kien wiehed ovvju ghall-ahhar li wassal ghal tbatija bla bzonn lill-appellant.

**B. <u>Nuqqas ta' Apprezzament tal-Provi mill-Ewwel Qorti</u>**

L-appellant jishaq b' certu konvinzjoni u jemmen li kien minnu *"li huwa ma kienx qed jippresta servizzi bhala staff nurse [izda] li kien qed jiresta servizzi ohra relatati ma' health and safety fl-isptar."* Kieku ma kienx hekk, wiehed jistaqsi ghaliex l-appellant kien qed jaqbel li kien qed jiffirma fuq ir-registru tan-nurses … haga li kull min ghandu mohh jaf li hija *traceable* ghall-awtortijiet tal-Isptar ta' St Lukes … u jithallas dak lilu dovut ? Jekk huwa ma kienx qed jaghmel xejn kontra l-istruzzjonijiet ta' min kien inkarigah b' responsabbilitajiet ta' health & safety fl-isptar stess, zgur u mhux forsi, ghamel hekk, u cioe' qabel ma dak li ssemma' mill-prosekuzzjoni stess, ghaliex ried juri li bhala fatt hekk kien sehh … bid-differenza li kien qed jghati sehemu xorta wahda mhux bhala relief nurse izda bhala wiehed inkarigat fuq health & safety gewwa l-isptar.

Pultroppo l-Ewwel Qorti ikkummentat, kwazi b' sorpriza, kif "*evacuation plans ta' sptar generali kienu ser jigi fdati lil persuna wahda li tahdem ftit sieghat is-Sibt*" … minghajr ma saret distinzzjoni bejn min ihejji evacutation plan [li jista' jkun bniedem wiehed] u bejn min jimplimenta evacutation plan liema implimentazzjoni tkun tinvolvi lil kulhadd,

mill-kbir saz-zghir. Li jigi inkarigat persuna wahda, f' dan il-kaz, l-appellant, biex ihejji evacuation plan tal-isptar, mhux haga mpossibbli … izda l-implimentazzjoni taghha zgur ma tistax tkun success jekk ma jkunx hemm kulhadd involut.

Dwar dan l-appellant xehed li kien jorganizza u jimplimenta korsijiet u tahrig fuq il-health & safety. Tali kumment bir-rispett kollu li huwa kontemplat fis-sentenza mhux f' loku. L-istess jista' jinghad dwar dak kontemplat fis-sentenza dwar l-migration mill-isptar St Lukes ghall-isptar Mater Dei, haga ukoll li ma semmet qatt fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti [!] Dawn iz-zewg kummenti li huma kkontemplati fis-sentenza mhuma xejn aktar minn assunzjonijiet li qatt ma kellhom ikun ikkonsidrati mil-Ewwel Qorti ahseb u ara li jsibu ruhhom fis-sentenza [!]

Tajjeb li jinghad li l-isptar Karen Grech u d-Dipartiment tal-Fizjoterapija flimkien ma' units ohra bhal POYC, kienu u ghadhom jinsabu joperaw fil-binja ta' St Lukes [!] li ghadhom jaghmlu uzu mill-evacuation plans … forsi illum aktar updated milli kienu dak iz-zmien bis-socjeta' gdida li hadet f' idejha it-tmexxija tal-imsemmi sptar. B' kull dovut rispett, l-Ewwel Qorti hija Qorti ta' evidenza u mhux ta' assunzjonijiet.

L-Ewwel Qorti taghmel referenza ghax-xhieda mressqa quddiema mill-prosekuzzjoni liema xhieda fil-bidu tal-process kienu ferm aktar numeruzi kif jixhed l-inkartament tal-kaz u bil-mod il-mod il-lista tax-xhieda kienet giet imnaqsa sew minn seduta ghall-ohra. Wiehed mix-xhieda Emanuel Scerri jghid li "*kien hemm okkazzjoni li xi hadd gibidlu l-attenzjoni …*" minghajr ma jsemmi min u dan ittiehed bhala ' fatt' mill-Ewwel Qorti.

L-Ewwel Qorti issemmi li d-dokumenti kollha ezebiti mill-appellant peress li ma kienux awtenikati, kienet ser tiskarthom in linja mal-insenjament tal-Qrati Nostrani. Bir-rispett kollu, tali dokumenti kienu pprezentati mill-appellant waqt ix-xhieda tieghu meta huwa kien qieghed bil-gurament u dunque, altru milli tali dokumenti ghandhom ikun ammessibbli. Tajjeb li jinghad li parti mid-dokumenti pprezentati mill-appellant kienu certifikazzjoni dwar it-taghlim tieghu fil-health & safety u prova li l-appellant kien appuntu kapaci fil-materja u mhux biss bhala staff nurse … u fl-istess hin, is-sentenza

taghmel referenza ghall-employment history tal-appellant permezz tax-xhieda tar-rapprezentant ta' JobsPlus li ttella' mill-prosekuzzjoni, partikolarment li kien impjegat b' resposnabbilitajiet fil-health & safety ma' socjetajiet Baxter Limited, Foster Clarke Products Limited, Medichem Manufacturing Ltd u ma' Atard Bros Company Ltd … mela altru li l-appellant kien kapaci fil-health & safety bi kwalifici fil-materja u dan fil-perjodu 2001 sal-2008! Mela kien ghalhekk li d-Direttur tal-Human Resources Mark Scicluna kien ghaddielu r-responsabbilitajiet tal-health & safety tal-isptar St Lukes ghaliex kien gharaf tali kapacitajiet. Putroppo wara li Mark Scicluna kien waqaf jahdem l-isptar bhala Direttur tal-Human Resources li seta' facilment jitlob kull impjegat jahdem skont l-esigenza tas-servizz kif fil-fatt talab lill-appellant, ma instema' xejn b' ahbaru tant li l-appellant li xtaq itellghu bhala xhud, ma setax jistabillixxi kuntatt mieghu imkien tant li haseb illi kien siefer.

Wiehed ukoll jistaqi ghaliex l-awtoritajiet kienu afdaw i-janti tal-isptar St Lukes f' idejn l-appellant jekk mhux ghaliex kellu l-htiega li jhejji l-evacuation plan tal-imsemmi sptar?

Kieku l-appellant kien jista' kien jipprezenta l-memo imsemmi minnu fix-xhieda tieghu izda stante li ma kienx aktar impjegat tal-Gvern fl-isptar St Lukes, ma kellhux access ghal tali memo li l-Ewwel Qorti ghazlet li taghmel enfazi partikolari fuq l-imsemmi memo.

In vista tas-suespost, l-appellant umilment jemmen li l-element tal-qerq, tal-mess in xenama giex ippruvat skont kif rikjest mid-dettami tal-ligi u skont l-appellant la kien hemm tali qera u lanqas gibda semplici dwar l-agir tieghu ghaliex huwa pprestina servizz mhux fil-qasam tas-sahha bhala nurse izda fil-health & safety tal-istess sptar St Lukes. Haga tal-ghageb, l-Ewwel Qorti bbazat l-argument taghha fuq li ma tqis lill-imputa bhala xhud kredibbli meta l-assjem tal-evidenza juri mod iehor … x' interess ghandu l-appellant li jaqbel li ma kienx jahdem bhala nurse noncio li kien jiffirma fuq ir-registru izda kien jahdem fuq il-health & safety tal-isptar hekk kif kien mghoti

struzzjonijet mid-Direttur tal-Human Resources? Hhalliex m' ghandhux ikun kredibbli meta huwa xehed dwar kif kienu sehhew il-fatti dak iz-zmien?

F' dan ir-rigward jinghad, illi ghalkemm appelli mill-apprezzament tal-provi, huma odjuzi, u dan peress illi Qorti ta' Appell, normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, **fil-kaz odjern, dan huwa necessarju, peress illi huwa manifest illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt, *safely* u *satisfactory* tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.** Ghalkemm il-gurisprudenza f' dan ir-rigward hija wahda kopjuza, se jigu citati biss xi kazijiet illi jispjegaw car, meta l-Qorti tal-Appell ghandha tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti f' dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz **il-<u>Pulizija v. Noel Buhagiar</u>**, deciza fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-Appelli Inferjuri, il-Qorti spjegat hekk:

> *Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi.*

L-istess insenjament intqal mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kaz fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs Epifanio Azzopardi</u>***, deciza fit-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena elfejn u sbatax (2017) kif ukoll App. Krim. **"<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et</u>"** [12.5.94] ;**"<u>Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud</u>"** [11.7.94]; **"<u>Il-Pulizija vs. Joseph Zahra</u>"** [10.5.2002].

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**<u>R. v. Cooper</u>**" (1969):

*"court will be very reluctant to interfere with the jury' s verdict* (f' dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of*

*seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution' s evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also: BLACKSTONE' S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

Semghet lill- partijiet jittrattaw dan il-kaz u dan fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 2020

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fid-9 ta' Gunju 1994 l-appellant kien inghata allowance li jammonta ghas-somma ta' sebat'elef Liri Maltin (LM7,000) waqt li kien qieghed jattendi kors ta' tahrig li jwassal ghal 'Diploma in Nursing'. L-appellant da parti tieghu obbliga ruhu li wara li jtemm b'success l-imsemmi kors, jkun jista' jassumi impjieg mal-Gvern sa zmien sitt xhur mid-data ta' meta jigi pubblikat ir-rizultat tal-ezami relattiv u obbliga ruhu li iservi lil Gvern ghal perjodu ta' mhux anqas minn tlett snin mid-data ta' meta jkun gie hekk impjegat. Gie miftiehem li f'kaz li ma jservix lil Gvern ghal tlett snin, il-Gvern ikollu dritt li jesigi minn ghandu hlas ta' penali ammontanti ghal sebat'elef liri Maltin (LM7,000), liema penali l-Gvern jekk jidhirlu jista' jirriduci;

2. Mill-10 ta' Novembru 1997 l-appellant beda jahdem bhala Casual Staff Nurse fi hdan l-Intensive Therapy Unit izda l-appellant irrezenja minn dan l-impjieg b'effett mill- 1 ta' Novembru 1998. Kien ghalhekk li l-awtoritajiet dehrilhom li dan kien bi ksur tal-ftehim tad- 9 ta' Gunju 1994 u ghalhekk talbu lill-appellant jirrifondi l-ammont ta' erbat'elef, seba' mija u sitta u ghoxrin Liri Maltin (LM4726);

3. Sussegwentement l-appellant kien inghata l-opportunita' li jonora l-obbligi assunti fil-ftehim tad-9 ta' Gunju 1994 billi jahdem ghal mill-anqas sentejn u disgha xhur ghal tletin (30) siegha fil-

gimgha b'effett mis- 6 ta' Settembru 2001[1] izda jirrizulta li l-imputat xorta ma kienx qieghed jahdem is-sieghat miftehma u ghalhekk rega gie mitlub jirrifondi l-bilanc dovut *ai termini* tal-ftehim tas-sena 1994;

4. Sussegwentement wara azzjoni legali u korrispondenza, l-appellant rega lahaq ftehim sabiex jonora l-obbligi kontrattwali tieghu billi jahdem bhala nurse reliever fuq bazi part time b'minimu ta' ghoxrin (20) siegha fil-gimgha ghal 4 snin u 20 gurnata u dan mis- 16 ta' April, 2004;

5. Il-Prosekuzzjoni tallega li wara dan il-ftehim u sas-16 ta' Frar 2008 l-appellant kien qieghed jiffirma l-attendenza izda ma kienx qieghed jippresta servizzi bhala reliever staff nurse ghajr ghal ftit sieghat u granet fil-bidu ta' dan l-impjieg;

6. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti tat- 28 ta' Jannar , 2020 l-appellant ecepixxa l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 688(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din is-sentenza ghalhekk sejra tkun limitata ghal din l-eccezzjoni mressqa mid-difiza u ghalhekk f'dan l-istadju mhijiex sejra tqis l-aggravji mressqa fir-rikors tal-appell.

Dak li qieghed jikkontendi l-appellant huwa li l-Qorti ma kelliex tikkunsidra l-ammont globali meta giet biex tikkunsidra liema piena kienet applikabbli izda stante li l-hsara sehhet kull siegha xoghol, kellu jitqies il-valur ta' kull siegha xoghol li skont id-difiza kien ta' *average* ta' seba' ewro u tlieta u erbghin centezmu (€7.43c). Jissottometti li l-hsara sehhet kull siegha xoghol li l-appellant allegament ma rraportax ghax-xoghol. Jissottometti li l-komputazzjoni tinhadem kull siegha u cioe' *per hour*. Jghid li rridu naraw kemm sofra l-erarju pubbliku kull siegha u jishaq li l-valur ghandu jigi kkalkulat kull siegha u mhux fuq l-ammont globali. Jissottometti li l-piena l-aktar favorevoli kienet dik taht l-artikolu 310(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-emendi tal-elfejn u erbatax (2014) u ghalhekk kif inhu llum il-gurnata u mhux kif kienet fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni.

---

[1] F'uhud mid-dokumenti fil-file personali tal-imputat, id-data tal-bidu tal-impjieg hija mnizzla bhala t-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001);

Mill-atti jirrizulta li s-snin jew parti minnhom mertu ta' dawn il-proceduri huma mis-sena elfejn u erbgha (2004) sas-sena elfejn u tmienja (2008). L-ammont totali gross li qieghed jigi allegat li thallas ghal xoghol li ma sarx kien dak ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u tletin ewro u erbatax-il centezmu (€21,930.14) skont id-dokument immarkat 107(a) tal-file personali tal-imputat prezentat u esebit bhala Dok IJAI. Fid-dokument immarkat bhala 107b hemm miktub ukoll ghal granet partikolari fis-sena elfejn u tmienja (2008) x'kien il-*basic* u cioe' €69.46 u SSC €6.95.

**Andrew Xuereb** li fis-sena 2008 kellu l-kariga ta' Direttur tar-Rizorsi Umani u amministrazzjoni xehed dwar l-minuta 107 u reds 107 A, B, C fil-file esebit bhala Dok IJA1. Fix-xhieda tieghu datata s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li '*Dawn huma d-dokumentazzjoni li hrigna mis-salarju li kien qed jircievi s-Sur Charlot Caruana u kemm thalset Social Contribution tajjeb. Li qed nara hawnhekk iffirmata minni fit-22 ta' Frar u jirrizulta t-totali kien ta' 21930 u social contribution kien hemm 2472. Dan huwa il-107 B jidher li huwa dokumentazzjoni illi ghadda s-Sur Kenneth Buttigieg li kien ufficjal fis-salarji ta' Mater Dei fejn qieghed jghidilna hawnhekk il-hinijiet fejn iffirma d-data, signed in signed out, in-number of hours worked kemm thallas u s-social contribution. Hemm dokument 107 c illi juru is-sighat li kien hemm dokumentat illi l-persuna issanja ghalihom jidher hekk hu.*'

Fil-minuta numru 107 fil-file personali dwar l-imputat tnizzel fost dettalji ohra '*Amount in Euros not accounted for (not detailed) = 21930.14*' u dan stante li hadem biss 8 duties u cioe' 87.5 il-siegha li jammontaw ghal €470.95 euros. Tnizzel li '*At the Nursing Administration office, there is evidence that Mr. Caruana worked as detailed for 87.5 hours only (8 signed duties, between 15th April 2004 and the 22nd May 2004.) The rest, i.e 2950.5 hours (277 signed duties, between 27th May 04 and Feb 08), were paid (total of (€ 21930.14, excluding Government share of Social Service contribution) without evidence that he was detailed in any ward/section. In fact all Nursing Administrators confirmed that they have not seen Mr. Caruana reporting to work for the last three to four years.*

*Another point of consideration is the fact that Mr. Caruana had the contractual obligations to work an equivalent of €11011.58 (LM 4726) for which there is no evidence that he met his obligations, except for an equivalent of €470.95).*'

**PS 832 Duncan Vella** fis-seduta tad- 19 ta' Dicembru , 2016 spjega li '*L- investigazzjoni taghhom rrizultat li kien hemm evidenza li l-imputat kien hadem as per detail ghal 87.5 hours biss. Kien hemm 8*

*signed duties bejn il- 15 ta' April 2004 u 22 ta' Mejju 2004. Il-bqija, qed nitkellm 2950.5 sieghat, jigifieri 277 signed duties bejn is- 27 ta' Mejju 2004 u Frar 2008, kienu mhallsin pero ma kienx hemm evidenza li l- imputat kien b'xi mod dettaljat f'xi ward jew xi sezzjoni.'* Spjega li '*Fil -21 ta' Frar 2008 peress li kienu ssospenndewlu l- pagamenti, l-imputat cempel is- section sabiex jisaqsi ghala kienu twaqqfulu l- pagamenti u l-call tieghu kienet giet forwarded il Mr Bezzina li kien director nursing services ta' Mater dei Hospital. U dan staqsa lill-imputat fejn kien assenjat Friday 15th u Saturday 16th February 2008 u l- imputat kien qalilhom li ma kienx jiftakar f' liema ward kien u qalilhom probabbilment seta' kien stazzjonat f'xi ward hdejn ir-Rainbow ward...*'

L-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel imputazzjoni li taqra kif isegwi:

*'b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;'*

L-Avukat Generali indika l-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fost artikoli ohra li tahtom kellha tinstab htija.

Dawn l-artikoli tal-ligi fis-snin mertu tal-imputazzjoni kienu jaqraw:

*'308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn **<u>seba' xhur sa sentejn</u>**.*

*309. Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor, b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsa ħati, il-piena ta' **<u>priġunerija minn xahar sa sitt xhur jew il-multa</u>**.*

*310(1) Fil-każijiet imsemmijin f'dan is-sub-titolu-*

*(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2, 329.37), il-piena tkun ta' priġunerija minn* ***tlettax-il xahar sa seba' snin****;*

*(b) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), il-piena tkun ta' priġunerija minn* ***ħames xhur sa tliet snin****:*

*Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevanti fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-tittolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f' dan il-paragrafu għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294 il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimum tagħha.;*

*(ċ) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), il-ħati jeħel il-piena ta'* ***priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur****;*

*(d) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), il-ħati jeħel il-piena ta'* ***priġunerija għal żmien mhux aktar minn għoxrin ġurnata, jew il-multa jew il-pieni ta' kontravvenzjonijiet****.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartolu (1)(ċ) u (d) ma jgħoddux fil-każ tad-delitti msemmijin fl-artikoli 296 u 298.'*

L-imputat qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-arikolu 688(d) u 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn jipprovdu li bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort' ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

'*(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena;*

*(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;'*

Ghalhekk jirrizulta li gialadarba l-Qorti sabet htija taht l-artikolu 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 kif kienu jaqraw qabel l-emendi peremzz tal-Att XXIV.2014, il-perjodu ta' preskrizzjoni kien bl-eghluq ta' ghaxar (10) snin skont l-artikolu 688(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha l-ohra, l-perjodu preskrittiv ghar-reat kontemplat taht l-artikolu 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien fis-sehh meta sehhew l-alegati reati huwa dak kontemplat taht l-artikolu 688(d) u ghalhekk bl-eghluq ta' hames (5) snin. Filwaqt li taht l-artikolu 310(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ta' dak iz-zmien bl-eghluq ta' sentejn skont l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan anke ghal f'kaz ta' reat taht l-artikolu 310(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ta' dak iz-zmien.

Illi ghalhekk jekk wiehed kellu jikkunsidra l-ammont totali li l-imputat ircieva u li qieghed jigi allegat li kien rizultat tar-reat ta' truffa maghmul mill-imputat u cioe' l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u tletin ewro u erbatax-il centezmu (€21,930.14) jfisser li l-artikolu tal-ligi applikabbli huwa dak tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk bl-eghluq ta' ghaxar snin *ai termini* tal-artikolu 688(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta u ghalhekk mhux l-artikoli indikati mill-appellant. L-appellant izda qieghed jikkontendi li minkejja li huwa reat kontinwat, stante li l-hsara sehhet dejjem ghall-istess valur u cioe' li l-hsara ikkagunata sehhet bis-siegha stante li l-impjieg jithallas bis-siegha, il-valur li fuqu ghandha tigi kkalkulata l-piena ai fini ta' preskrizzjoni huwa l-ammont ta' kemm l-appellant thallas kull siegha. Id-difiza fit-trattazzjoni taghha tissottometti li l-hlas kien ta' medja ta' €7.43c is-siegha.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li l-appellant gie mixli b'reat kontinwat u cioe' l-istess reat li sehh ghal medda ta' snin. Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 691(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Għar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fih isir l-aħħar att ta' esekuzzjoni;* ***<u>għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi;</u>*** *u għar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'The Police (Inspector Louise Calleja) vs Omissis'</u>**[2], gie meqjus li:

'*...as has been held, the concept of continuous offence in Article 18 was created for the benefit of the accused, it also comes at a heavy price for the same accused. Through this legal fiction, an accused can be*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Ottubru, 2018 (Appell numru: 360/2015)

*charged for a string of offences in breach of the same provision of law which took place over a period of time, indeed years and this on the basis of the date of the last known crime allegedly committed. If, for the sake of argument, a person has been committing the same crime against the same person or property punishable with imprisonment of two years for the past ten years but is only apprehended a few weeks before the prescriptive period of the last committed crime, that accused may be asked to answer for all the crimes committed during the last ten years.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Edel Mary Camilleri v COSTANTINO BALZAN**'[3] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-Qorti tirrileva li ai fini tal-komputazzjoni tal-piena ai fini tal-ezami tal-preskrizzjoni m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni l-aspett tal-kontinwita u tar-reat kontinwu. Huwa evidenti ghal din il-Qorti li ghall-fini tal-preskrizzjoni, r-reat kontinwat ghandu identita legali separata u distinta minn dak tar-reat proprju li jkun gie kommess. Jigifieri per ezempju fil-kaz ta' frodi, wiehed ma jridx ihares ghal kwalifika tal-kontinwita bhala li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni flok li jhares biss lejn r-reat ta' frodi.*

*Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza citata mid-Difiza stess fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lorry Cuschieri deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Ottubru 2001**:*

*"Ir-reat kontwat huwa funzjoni legali krejata essenzjalment ghal beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi kommutata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubbju ragionevoli, r-reati individwali komponenti tieghu kif wkoll ippruvata l-ezistenza ta' risoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk r-reati ma xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat nnifsu ma jikkonkorrux dawk l- elementi essenzjali sabiex jista jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat bhala funzjoni legali huwa biss cirkostanza ta' fatt li meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghal konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi."*

*Dik il-Qorti kompliet tghid fis-sentenza taghha:*

*"Din il-Qorti tghmel tahha wkoll s-sottmissjoni li ghamel l- appellant li l-kontinwita fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L- artikolu 689 tal-Kodici*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Marzu, 2005 (Numru: 897/2002)

*Kriminali allura jippreskrivi li ai finijiet ta' preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett. Ghalhekk din il- Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, r-reat kontinwat innifsu wkoll ikun gie preskritt. Jigifieri f'kelma wahda, din il-Qorti qed tghid li ma tistax il- Prosekuzzjoni tuza l-element tal-kontinwita biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhal ma huwiex fuq is- semplici bazi li minhabba l-kontinwita l-piena applikabbli tista u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bil-gradi li hemm imsemmija fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali."'*

Ghalhekk stante li jirrizulta li l-ahhar data ta' ksur mertu ta' dawn il-proceduri hija dik tas-16 ta' Frar 2008 u cioe' l-ahhar gurnata li l-appellant tnizzel li hadem shift meta qieghed jigi allegat li attwalment ma kienx hadem bhala nurse u ghalhekk minn dak li jirrizulta mid-dokument immarkat bhala 107B li jinsab fil-file personali tal-appellant, il-perjodu preskrittiv jibda ghaddej minn dak il-jum. Stabbilit dan, jonqos li jigi kkunsidrat jekk japplikax l-ammont globali allegatament defrawdat mill-appellant jew inkella l-akbar ammont ta' kull reat. L-imputat jikkontendi li ghandu japplika l-valur tal-ammont fis-siegha li l-imputat kien jithallas ghalih.

L-appellant iccita is-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Joseph Aquilina'**[4] fejn gie kkunsidrat li:

*'Fl-aggravji tieghu l-appellant imur oltre minn dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2005 peress illi jghid li l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni kellha titqies bhala imputazzjoni alternattiva ghal dik ta' serq aggravat, li ma setax jinstab hati kemm li kien l-awtur kif ukoll li kien il- komplici, u li f'kaz tar-reat kontinwat ta' truffa l- prosekuzzjoni ma setghetx taghmel il-valur totali biex tgholli l-valur ghall-finijiet ta' piena. Legalment l-appellant ghandu ragun.'*

Fl-istess sentenza gie meqjus li

*'Kwantu mbaghad ir-reat kontinwat ta' truffa skond l-ghaxar imputazzjoni, il- pozizzjoni hi li f'kaz ta' diversi reati kontra l-patrimonju li jaghmlu reat wiehed kontinwat, ghall-finijiet tal-valur ghandu jitqies il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il- valuri l-ohra. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Salvu Depares deciz fis-6 ta' Marzu 1954 (Vol. 38C.iv.822) il- kompjant Onor. Imhallef William Harding qal hekk:*

*"L-Imhallef sedenti jahseb li din it-teorija hi gusta; mhux biss ghaliex tevita l-inkongruwita` fuq*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' April, 2006 (Appell Kriminali Numru: 265/2005)

*imsemmija [skond it-teorija tal-Carrara u li giet abbraccjata mill-Ewwel Qorti, li, avolja jkun hemm il-karattri kollha tal-kontinwita`, din tigi eskluza fuq konsiderazzjoni ghal kollox estranea - dik tal-piena], imma anki ghaliex, ga ladarba r-reat kontinwat jipotizza konkors 'sui generis', hu xieraq li fid-determinazzjoni tal-valur tigi segwita, 'mutatis mutandis', ir-regola li hemm fl-inciz (h) ta' l-art. 19 Kap 12 [illum 17(h)]. F'dak l-inciz, f'kaz ta' diversi reati intizi ghall-kommissjoni ta' reat iehor, tigi applikata, stante l-assorbiment, il-piena l-aktar gravi. Hekk, l- istess fir-reat kontinwat, fejn diversi reati, stante l-unicita` tar-rizoluzzjoni, jitqiesu reat wiehed, il-valur ghandu jitqies dak li hu l-akbar."*

*Fil-kaz odjern, pero`, il-fatt li fl-ghaxar imputazzjoni l- prosekuzzjoni ndikat il-valur totali ma jbiddel xejn mill- piena applikabbli. Skond l-ligi vigenti meta sehhew ir-reati in kwistjoni (ara artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9), meta l- ammont tal-hsara kien jeccedi l-"hames mitt lira, il-piena tizdied minn zewg gradi sa tliet gradi". Fil-fatt mill-atti jirrizulta li l-oghla ammont li tieghu l-appellant ghamel qligh bl-ghemil qarrieqi tieghu kien ta' Lm615 ghad-dannu ta' Audio Video Centre. Ghalhekk f'dan il-kaz hija applikabbli proprju din l-oghla piena u li, minhabba li hawn si tratta ta' reat kontinwat, tista' tizdied minn grad sa zewg gradi.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. George Faenza, Joseph Faenza u Roderick Farrugia'</u>**[5] gie meqjus li:

*'Fil-fehma tal-Qorti dan l-eghmil jammonta ghal frodi fis-sens tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Kwantu ghall-valur, trattandosi ta' reat kontinwat, il-Qorti hi sodisfatta li l-oghla valur ta' qliegh b'qerq li huma ghamlu f'okkazjoni wahda kien dak qrib is- sitt mitt lira msemmi mix-xhud Baldacchino (ara fol. 79)'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. C. Pulis) (Spt. F. Fleri) (Spt. J. Micallef) Vs Peter Borg'</u>**[6] gie kkunsidrat li:

*'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-valur involut pero' l- appellant ghandu ragun. Kull att ta' biegh ta' cilindru imbaghbas kien jikkostitwixxi reat kunsmat f' sensiela ta' reati kommessi fi zmienijiet differenti li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda w konsegwentement jammontaw ghal reat kontinwat. Ghalhekk irid jittiehed biss l-oghla valur tal- hsara*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Jannar, 2005 (Appell Kriminali Numru: 213/2003)

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju, 2009 (Appell Kriminali Numru: 34/2009)

*pprokurata b' kull biegh ta' cilindru "uti singoli" u mhux tal-valur komplessiv tac-cilindri kollha li setghu mbieghu jew li kienu lesti biex jimbieghu fil-garage tal- appellant. Ghalhekk, peress li l-valur ta' kull cilindru mimli kif suppost ma kienx jeccedi l-Ewro 11.65c (u ergo il-gass mehud minn kull cilindru b' qerq kien indubbjament inqas minn hekk ukoll), ghall-fini tal-piena, japplika l-artikolu 310 (d), s' intendi biz-zieda ta' grad jew tnejn skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, stante li r-reat kien kontinwat.,'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alexia Micallef'** [7] gie kkunsidrat li:

*'18.Inoltre, kif ġie deċiż fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvu Depares**, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar is-6 ta' Marzu 1954, fil- każ ta' diversi reati kontra l-patrimonju, għall-finijiet tal-valur għandu jiġi meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra. F'dan il-każ, il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kienet dik ta' tminn snin priġunerija. Mill-artikoli tal-Liġi ċitati mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha, din il-Qorti tifhem li hija kunsidrat ir-reati ta' truffa imputati f'dan il-każ bħala magħquda flimkien bħal reat wieħed u b'hekk applikat l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Dan setgħa jġib żieda fil-piena bi grad jew tnejn. Jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellanta ħatja tar-reċidivita ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u anke hawnhekk il-Qorti setgħet iżżid il-piena bi grad. F'dan il- każ jirriżulta li r-reati ta' truffa kommessi kienu jinvolvu lil ħafna nies; iżda l-ammonti ta' flejjes defrawdati ma kienux għoljin ħafna u kienu jvarjaw.*

*19.Meta wieħed iqis il-piena għar-reat ta' truffa li titnissel mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li, meta jittieħed il-minimu huwa dak ta' sena priġunerija filwaqt li l-massimu huwa dak ta' seba' snin priġunerija. Meta wieħed iqis meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l- akbar fost il-valuri l-oħra, bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 u 50 tal- Kodiċi Kriminali għall-dan il-każ, il-pieni jistgħu jiżdiedu minn minimu ta' sentejn sa massimu t'għoxrin sena. Il-piena erogata għalhekk hija fil-parametri ta' dak li setgħet teroga l-Qorti.*

*20.Anke jekk, fl-aħjar ipoteżi għall-appellanta, wieħed kellu japplika l- kejl tal-piena skont kif imsemmija fl-artikolu ġenerali 310 tal-Kodiċi Kriminali, meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra, xorta jibqa' l-fatt li piena erogata kienet tibqa' fil-parametri ta' dak li setgħet teroga l-Qorti tal-Maġistrati inkwantu l-minimu kien ikun ta' tlettax il-xahar priġunerija filwaqt li l-massimu kien jitla'*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru, 2019 (Appell numru: 371 tal-2017)

*għal disa' snin priġunerija.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. Kevin Borg) Vs Khallouf Fatiha</u>**'[8] fejn gie kkunsidrat li:

*'Rigward l-ewwel kontroversja l-appellata ma taqbilx mal- Avukat Generali meta dan ghaqqad l-ammonti totali u stabilixxa li kien hemm ammont globali ta' aktar minn elf lira (Lm1,000) meta fil-fatt hija kienet qieghda tircievi sigurtà socjali illi ma kinitx taqbez il-hames mitt lira (Lm500) fix-xahar. Argumentat li jekk kien hemm reat kontinwat dan kellu jkun fuq bazi ta' mhux anqas minn hames mitt lira (Lm500) u mhux fuq erbat elef sitt mija u sittax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm4616.24) illi ikkalkula l-Avukat Generali. Ikkwotat in sostenn taghha d-decizjoni moghtija mill-appell kriminali fil-kawza Il-Pulizija kontra Peter Borg deciz fit-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u disgha (2009) fejn f'dan il-kaz il-Qorti hadet biss l-oghla valur tal-hsara prokurata u mhux tal- valur komplessiv li potenzjalment seta' jiggwadanja l- persuna akkuzata.*

*Ikkunsidrat:*

*Il-Qorti thoss illi hemm differenzi kbar bejn il-kaz odjern u dan il-kaz ta' Peter Borg. F'dan tal-ahhar Borg kien qieghed ibiegh illegalment cilindri tal-gass wara li huwa ghamel xi modifiki fihom biex ikollhom kontenut inqas minn dak supplit mid-distributuri ordinarji. Kien hemm ammont kbir ta' cilindri stivati fil-garaxx ta' Borg lesti biex jinbieghu u l-Qorti tal-Appell fil-kalkolu tal-piena ma haditx in konsiderazzjoni l-valur ta' dawn ic-cilindri li kienu ghadhom ma nbieghux. F'dan il-kaz is-sitwazzjoni hija differenti. Veru illi l-appellata rceviet beneficcji mid- Dipartiment tas-Servizzi Socjali tul medda ta' zmien f'rati stabbiliti però l-beneficcju u l-gwadann taghha kien wiehed effettiv mhux bhal dak fil-kaz ta' Borg illi kien potenzjali. F'dan il-kaz la darba l-appellata rcevjiet beneficcju effettiv huwa dak il-beneficcju kollu li jrid jigi kkalkulat u mhux biss l-ahhar beneficcju rateali illi kien thallas mid-Dipartiment. La darba rrizulta bhala fatt li l- appellata rceviet is-somma ta' erbat elef sitt mija u sittax-il lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm4616.24) avolja dana sar fuq medda ta' zmien, hija din ic-cifra illi ghandha tigi mehuda in konsiderazzjoni ghall-fini tal- piena.*

*L-appellata hija addebitata illi hija rceviet indebitament dawn l-ammonti bejn l-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tal-elfejn (2000). Dan iz-zmien*

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Mejju, 2013 (Appell numru 194/2012)

*jaghmel ir-reat wiehed kontinwat kif kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kap 9 li jaghti l-fakultà lill-gudikant li jzid il-piena minn grada sa zewg gradi.*

*L-appellata mhiex qieghda tikkontesta l-kontinwità ta' dan ir-reat però minhabba din il-fakoltà tal-gudikant illi jaghzel il-grad skont ic-cirkostanzi targumenta illi din iz-zieda m'ghandhiex titqies bhala parti mill-kalkolu ghall-fini tal- preskrizzjoni.*

*Ikkunsidrat: Il-preskrizzjoni tizdied skont is-serjetà tar-reat u l-ligi tirrikonoxxi li reat ghandu hafna varjazzjonijiet ta' gravità skont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u dawn il- varjazzjonijiet iwasslu dejjem ghal zieda fil-piena bi grad jew tnejn skont il-kalkoli tad-dispost tal-artikolu 31 tal-Kap 9. Insibu, perezempju, li fil-kaz ta' serq ghandna piena ghas-serq semplici u piena ohra ghal diversi varjazzjonijiet u komputazzjonijiet illi jistghu jsiru taht is-serq aggravat. Issa meta l-artikolu 689 tal-Kap 9 jsemmi l-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett dan ifisser illi l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-piena tar-reat illi l-akkuzat ikun effettivament ikkommetta u ergo ghall-fini tal-preskrizzjoni t-terminu jrid ikun ikkalkulat fuq din il-piena u fuq l-ebda piena ohra aktar jew anqas. Din il-Qorti ghalhekk hija propensa li ssegwi t-taghlim fil-kawza tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vesus Joseph Borg tal-ghaxra (10) ta' Mejju tas- sena elfejn (2000) fejn fost affarijiet ohra tghid "L-artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti; u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva. Iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhiex imsemmija f'dan l-artikolu 689." Ghalhekk il-kalkolu f'terminu preskrittiv irid jitqies fuq il-piena li ghaliha r-reat ikun originarjament soggett biz-zieda tal-gradi skont ic- cirkostanzi inkluz zieda fil-piena minhabba l-kontinwat. Ikkunsidrat:*

*Dana stabbilit il-kalkoli li ghamel l-Avukat Generali ghaz- zmien preskrittiv ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni huwa korretti u l-ewwel zewg akkuzi kellhom ikunu preskrivibbli bl-gheluq ta' ghaxar (10) snin. Peress illi r-reati addebitati lill-appellata sehhew bejn ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tal-elfejn (2000) f'liema kaz ghalhekk it-terminu preskrittiv beda jiddekorri mill-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000) dan it-terminu gie interrott mal-prezentata tal-kumpilazzjoni fl-ghoxrin (20) ta' April elfejn u sebgha (2007). Kwindi t-terminu preskrittiv ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet kienu ghadu ma ghaddiex u l-ewwel Qorti ma kellhiex ragun tiddikjara dawn iz-zewg akkuzi preskritti.'*

Mill-atti ma jirrizultax meta l-imputat kien notifikat bic-citazzjoni ghalkemm kien irrilaxxa stqarrija fl- 24 ta' April 2008 skont dak li jirrizulta a fol 31 et sequitur immarkata bhala Dok IJA4.

Jirrizulta li c-citazzjoni giet ipprezentata fil-Qorti fis- 27 ta' Frar 2015 u ghalhekk kien dakinhar li gew istitwiti proceduri fil-konfront tal-imputat filwaqt li l-ewwel smiegh kien fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn il-kawza kienet giet differita biex tinqara c-citazzjoni u ghal provi tal-prosekuzzjoni. Ic-citazzjoni giet moqrija u kkonfermata bil-gurament fis-seduta tas- 27 ta' Jannar 2016. Iz-zmien mertu tal-imputazzjoni huwa s-sena 2008 u s-snin ta' qabel. Mill-atti jirrizulta li s-snin in mertu filfatt huwa minn Mejju tas-sena 2004 sas- 16 ta' Frar tas-sena 2008. Ghalhekk jekk wiehed kellu jiehu l-ahhar ksur stante li dan huwa reat kontinwat, dan kien fis- 16 ta' Frar tas-sena 2008 filwaqt li l-proceduri gew istitwiti fis-sena 2015 ghalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni beda ghaddej minn wara dakinhar u cioe' mis-16 ta' Frar 2008.

Bhala ammonti fid-dokument immarkat bhala 107(a) fil-file personali tal-imputat tnizzel s-salarju gross u l-SSC ghal kull sena u cioe ghas-sena 2004, is-sena elfejn u 2005, is-sena 2006, is-sena 2007 u s-sena 2008. Fid-dokument immarkat bhala 107b tnizzlu ukoll is-sieghat ghal kull shift li l-imputat gie registrat li hadem fi Frar tas-sena 2008 u l-ammont *basic* u SSC ghal kull jum u cioe' 69.46 basic u 6.95 SCC ghal 11.5 siegha. Filwaqt li fid-dokument immarkat bhala 107c tnizzel rendikont tas-sieghat u granet li l-imputat ircieva hlas ghalih fis-sena 2004 sas-sena 2007.

Jekk din il-Qorti kellha tqis l-ammont totali tal-hsara mis-sena 2004 sas-sena 2008 u mhux b'mod spezzatat, gialadarba si tratta ta' reat kontinwat u cioe' l-istess reat fuq medda ta' snin, ikun ifisser li l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak *ai termini* tal-artikolu 688(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-eghluq ta' ghaxar (10) snin u cioe' skont l-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ta' dak iz-zmien.

Din il-Qorti qieghda tifhem li l-imputat kien jithallas bis-siegha la darba bhala parti mir-rendikont tnizzlu s-sieghat u l-granet li ghalihom l-imputat thallas u ghalkemm l-ebda xhud ma xehed dwar kemm kienet ir-rata fis-siegha, wiehed jista' jasal ghaliha billi jara kemm l-appellant ircieva bhala hlas kull sena u jaqsam dawn bl-ammont ta' sieghat li hadem f'dik is-sena partikolari, fejn jirrizulta li l-ammont kull siegha varja minn sena ghall-ohra.

Din il-Qorti izda ma taqbilx mal-appellant li l-ammont ta' hsara li kellha tittiehed in konjizzjoni biex tigi kunsidrata l-piena stabbilita hija dik tal-ammont li l-appellant thallas fis-siegha. Dan qed jinghad abbazi tal-fatt li anke jekk jigu koncess li l-imputat thallas fis-siegha, minghajr ma

din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-kawza, taghmel taghha l-kunsiderazzjoni maghmulha mill-Ewwel Qorti fis-sens li:

'*Illi fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata dan l-agir ta'l-imputat jikkostitwixxi messa in xena li nduciet lid-dipartiment tas-sahha fi zball: l- ingann ta'l-imputat li minkejja li kien qed jiffirma r-registru ta'l-attendenza fil-fatt ma kienx qed jirraporta ghax-xoghol; dan iz-zball wassal lid- dipartiment biex jaghmel xi haga: jaghti salarju lill-imputat; bil-konsegwenti telf patrimonjali: il-hlas ta' salarju li ma kienx dovut; bi qligh ghall-imputat: salarju li rcieva minghajr ma presta l-ebda servizz.*'

Din il-Qorti qieghda taghmel referenza ghal din il-parti tas-sentenza in vista tal-fatt li l-allegat reat dejjem jekk sar, immaterjalizza meta l-imputat ircieva s-salarju u mhux meta allegatament iffirma li kien *on duty* bhala nurse meta ma kienx. Din il-Qorti tqis li ma hemmx uniformita' fit-tghalim gurisprudenzjali dwar liema valur ghandu jittiehed in konjizzjoni mill-Qorti sabiex tigi stabbilita l-piena u cioe' huwiex l-ammont kollu mertu tal-frodi jew l-oghla hsara tar-reat li jaghmel parti mir-reat kontinwat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li abbazi ta' dan in-nuqqas ta' klarita, ghandha tqis li ghandha tiehu in konjizzjoni is-salarju li l-appellant kien jircievi fix-xahar. F'dan ir-rigward tippreciza li mill-atti ma jirrizultax kjarament kull meta kien jithallas l-imputat u cioe' jekk kull xahar jew kull erba' gimghat, u ghalkemm ma tnizzilx specifikament x'kienu l-ammonti fix-xahar jew kull erba' gimghat li kienu jithallsu lill-appellant stante li ma gewx prezentati pay slips, izda fi-file personali tal-imputat tnizzlu is-sieghat mahduma f'kull xahar mertu tal-proceduri u anke l-valur kumplessiv f'sena u ghalhekk jekk wiehed kellu jaghmel il-kontaggi jirrizulta li l-ammont ta' dak ricevut fix-xahar ma jaqbiz l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) imsemmi fl-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ta' dak iz-zmien, anzi huwa ferm anqas, li ghalhekk ifisser li l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' hames (5) snin *a tenur* tal-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-ammont ta' salarju fix-xahar kien jaqa' fil-parametri tal-artikolu 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ta' qabel l-emendi li dahlu fis-sehh fl-elfejn u erbatax (2014) izda mhux taht l-artikolu 310(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta vigenti llum il-gurnata stante li l-oghla ammont ta' salarju ricevut f'xahar kien aktar minn hames mitt ewro (€500).

Ikkunsidrat;

Jonqos li jigi stabbilit jekk stante li si tratta ta' reat kontinwat, jekk iz-zieda fil-piena bi grad jew tnejn ghandiex tittiehed in konjizzjoni meta jigi kkunsidrat liema perjodu ta' preskrizzjoni huwa applikabbli.

L-artikolu 689 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.*'

Dwar jekk ghal fini ta' kalkulazzjoni tal-preskrizzjoni ghandux jittiehed qies ta' zieda fil-piena meta r-reat inkun wiehed kontinwat, jirrizulta li l-gurisprudenza lanqas ma hija uniformi f'dan ir-rigward tant li tezisti gurisprudenza li tipprovdi li l-artikolu 689 tal-Kapitolu 9 huwa car fis-sens li ma ghandux jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba r-recediva li jfisser li *a contrario sensu* la darba l-legislatur ma jsemmix li ma ghandux jigi kkunsidrat iz-zieda fil-piena f'reati kontinwati ifisser li tali zieda ghandha tittiehed in konjizzjoni sabiex jigi stabbilit liema perjodu ta' preskrizzjoni japplika. Minn naha l-ohra tezisti gurisprudenza li qieset in-nuqqas ta' kjarita f'din id-disposizzjoni u li ghalhekk strahet fuq il-fatt li d-disposizzjoni tipprovdi li ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett u li ghalhekk interpret dan li jfisser li *ai fini* ta' preskrizzjoni ma jittiehdux cirkostanzi li jistghu izidu l-piena mill-piena originali tar-reat.

Filfatt filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Supretendent Carmelo Bartolo) -vs- Joseph Debono'</u>**[9] gie meqjus li:

*'16. Illi fis-sentenza taghha, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Vella</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali mbaghad irreferiet ghal sentenza ohra tal-istess Qorti, diversament presjeduta, moghtija fl-10 ta' Mejju 2000, fl-ismijiet **<u>Il- Pulizija vs Joseph Borg</u>**, fejn ittiehdet posizzjoni differenti:*

*"Iz-zieda fil-piena stabbilita bl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ghandha tittiehed in konsiderazzjoni*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Ottubru, 2013 (Numru: 557/1996)

*sabiex jigi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe` sabiex jigi determinat taht liema wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal- artikolu 688 ghandu jigi kkonsidrat id-delitt in kwistjoni. Infatti l-artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti; u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva. Iz-zieda fil-piena minhabba l- kontinwat mhix imsemmija f'dan l-artikolu 689.*

*Fil-ligi taghna r-reat kontinwat, li kien mudellat fuq l- artikolu 79 tal-Codice Zanardelli, hu meqjus bhala forma sui generis ta' konkors ta' reati, bil-partikolarita` li d-diversi reati jitqiesu bhala reat wiehed.*

*Il-Ligi Taljana vigenti titratta b'mod ferm differenti r-reat kontinwat ghall-fini ta' preskrizzjoni u dan minhabba dispozizzjonijiet ta' ligi li ma ghandhom l-ebda riskontru fil- Ligi taghna."*

*17. Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali mbaghad kompliet tghid illi din is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2000 segwiet sentenza ohra tal-4 ta' Novembru 1976, fl-ismijiet **<u>Il- Pulizija vs Grazio Zerafa</u>**, li wkoll sostniet illi z-zieda fil- piena stabbilita fl-Artikolu 18 tal-Kap. 9, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni.*

*18. Illi ghalhekk, il-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Vella</u>**, imbaghad kompliet tghid hekk:- "Din il-Qorti ser issegwi s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2000 u dik tal-4 ta' Novembru 1976 ghaliex legalment aktar jaghmlu sens galadarba wiehed jaccetta l-mod kif inhu ttrattat ir-reat kontinwat fil-Ligi taghna, liema trattament huwa differenti minn kif huwa meqjus ir-reat kontinwat f'Ligijiet ohrajn. It-test tal-Ligi jghid hekk: 'dawn l-atti jitqiesu bhala wiehed'. Ghalhekk l-argument li jidher fl- ewwel sentenza citata aktar 'il fuq jaqa' ghaliex ma jifdalx aktar reati li mietu wiehed, wiehed izda galadarba l-katina tar-reati tghaqqad ir-reati kollha, dawn jibqghu hajjin ghall- fini tal-preskrizzjoni. L-imputat ikun ha l-vantagg permezz tal-artikolu 18. Izda mal-vantagg irid jiehu wkoll l- izvantagg. L-artikolu 689 tal-Kap 9 isemmi r-recidiva izda ma jsemmix ir-reat kontinwat. Dan l-artikolu l-ahhar li gie emendat kien fis-sena 1900 u kieku sa llum il-Legislatur ried idahhal ir-reat kontinwat, kellu zmien bizzejjed biex jaghmlu. Izda dan ma setax jaghmlu minghajr ma jibdel il- kuncett kif radikat fl-artikolu 18."'*

Minn naha l-ohra, fis-sentenza **<u>'The Police (Inspector Louise Calleja) vs Omissis'</u>**[10] gie kkunsidrat li,

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Ottubru, 2018 (Appell numru: 360/2015)

'*The first part of Article 689 is clear and unequivocal in that for the purposes of prescription regard shall only be had to the punishment for which the crime is* ***ordinarily*** *subject. The second part is not as clear, has given rise and will give rise to further uncertainties unless it is clearly amended by the legislator. Clarity of legislation is essential for the obvious reasons including the right of a child on attainment of majority who should be further protected by the legislator especially in this age where allegations such as that under review are unfortunately commonplace.*' Kien ghalhekk li l-Qorti f'dik is-sentenza ma kkunsidrax iz-zieda ta' piena bi grad jew tnejn meta giet biex tikkunsidra liema perjodu ta' preskrizzjoni kien applikabbli.

Din il-Qorti taqbel mal-insenjament tal-ahhar sentenza hawn citata u dan stante li tezisti nuqqas ta' kjarita fl-artikolu 689 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk f'kaz ta' reat kontinwat ghandux jittiehed qies taz-zieda fil-piena meta jigi kkunsidrat liema perjodu ta' preskrizzjoni huwa applikabbli. Dak li huwa car huwa li l-ligi fl-istess artikoli tistabilixxi li '*Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun* ***ordinarjament suġġett',*** ghalhekk il-fatt li meta tirreferi ghal zieda fil-piena li ma ghandhiex tigi meqjusa ai fini ta' preskrizzjoni ma tirreferix ghal zieda fkaz ta' reati kontinwati ma ghandhiex tigi interpretata li din iz-zieda ghandha tigi meqjusa *ai fini* ta' determinazzjoni ta' liema perjodu ta' preskrizzjoni huwa applikabbli. Ghalhekk din il-Qorti tqis li stante li r-reat taht l-artikolu 310 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi ghal piena ta' bejn hames (5) xhur u tlett (3) snin qabel l-emendi tas-sena 2014, ir-reat jaqa' bl-eghluq ta' hames snin. Ghalkemm ma tirrizultax id-data ta' meta l-imputat gie notifikat, gialadarba l-proceduri gew intavolati madwar 7 snin mill-ahhar ksur, din il-Qorti tqis li l-unika imputazzjoni li l-Ewwel Qorti sabet htija u cioe' l- 1 imputazzjoni hija preskritta ai tenur tal-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 688(d) izda mhux taht l-688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara li qed tilqa l-eccezjoni tal-prskrizzjoni sollevata mid-difiza u ghakhekk tiddikjara l-azzjoni preskritta u tastjeni milli tiehu konjizzjni ulterjuri ta’ dan il-kaz.

**In vista’ tan-nuqqas ta' kjarezza u anke n-nuqqas ta' uniformita' fil-gurisprudenza kemm dwar il-valur li ghandu jittiehed kont tieghu meta si tratta ta' reat kontinwat ai fini ta' piena u anke dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 691 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' jekk**

**ai fini tal-preskrizzjoni ghandux jittiehed qies tal-awment fil-piena bi grad jew tnejn *ai termini* tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tordna n-notifika ta' din is-sentenza lil Ministru tal-Gustizzja u tirrakomanda li jsiru l-emendi necessarji fil-ligi sabiex ikun hemm kemm il-kjarita' fl-interpretazzjoni tal-ligi li konsegwentement twassal f'uniformita' ta'sentenzi.**

**(ft)** Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur